MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-25 ta' April, 2005

Numru 96/2005

Il-Pulizija
(Sp Jesmond Borg)
vs
Charles Spiteri, iben Raymond,
imwieled Pieta' fis-16 ta' april, 1984
u
Michael Spiteri, iben Raymond,
imwieled Pieta' fl-4 ta'
novembru, 1986
u
Anton Mifsud, iben Annetto,
imwieled Pieta' fit-2 ta' lulju, 1980
u
Annetto mifsud, iben Carmelo,
imwieled Qormi fit-2 ta'
novembru, 1952
u
Rene Mifsud, iben Annetto, imwieled Pieta' fil-25 ta'
ottubru, 1983
u

Clifton Vella, iben Michael,
imwieled Pieta' fit-12 ta'
lulju, 1982

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra l-imputati –

1. talli fl-4 ta' ottubru, 2004 għal ħabta tal-10.00 a.m. u fil-ġranet ta' qabel, ikkomettew serq ta' diversi oġġetti minn ġewwa l-maħżen tal-kumpanija Construct Furniture, Qasam Industrijali, Luqa, kif ukoll mill-maħżen 'Isabella Garage' u 'Victoria Garage', Triq San Edwardu, Qormi liema serq hu aggravat bil-persuna u bil-valur liema valur jaqbeż l-ammont ta' Lm100 iżda mhux Lm1,000;
2. talli fl-istess data u qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer sew jekk f'Malta jew barra minn Malta xjentement laqgħu għandhom ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħlu biex ibiegħuhom jew imexxuhom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' april, 2005 fejn l-imputati ammettew l-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta' april, 2005 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li r-refurtiva ġiet kollha rkuprata u li l-imputati kkolaboraw bi sħiħ mal-pulizija.

Semgħet lill-avukati ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberhom minn din l-akkuża. Issibhom ħatja tal-ewwel akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikoli 261(ċ)(d), 267, 268, 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannhomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-

kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor għal perjodu ta' tnax il-xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------